19 ta' Ottubru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Anġlu Scicluna

**Storbju — Offiżi fuq il-Persuna — Provokazzjoni — Passjoni — Kredenza Soġġettiva — Suspett — Inseparabilità Naturali jew Ġuridika — Art. 352(bb) tal-Kodiċi Kriminali**

*Ir-reat ta' min jikser il-bon ordni jew il-kwiet tal-publiku javvera ruħu meta jkun hemm "an apprehension of a breach of the peace"; iżda jekk dak ir-reat ikun akkompanjat minn offiża fuq il-persuna, dak*

*ir-reat għandu jitqies konsolidat mar-reat tal-offiża fuq il-persuna, jekk bejn iż-żewġ reati jkun hemm, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ness naturali jew ġuridiku.*

*Tkun ħaġa ferm perikoluża għall-individwi u għas-soċjetà kieku kellha tiġi ammessa l-iskużanti tal-passjoni għal kull kredenza falza, u li min jikkaġuna offiża fuq il-persuna ta' ħadd ieħor ikun jista' jinvoka d-diminwenti tal-passjoni u jallega li huwa aġixxa taħt eċċitament, għaliex ħaseb li dik il-persuna l-oħra għamlitlu xi tort. Jista', certament, ikun hemm każijiet eċċezzjonali fejn l-iskużanti tista' tkun tal-volta ammessa f'każ ta' kredenza żbaljata; imma jeħtieġ li din il-kredenza tkun bażata fuq raġunijiet gravi, valutabbli "caso per caso", u tali li bniedem ta' temperament normali u ekwilibrat kien ukoll jitqarraq bihom, u fl-assenza ta' dawn ir-raġunijiet gravi, l-iskużanti tal-passjoni għandha tiġi esklużа.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli s-Siġġiewi, fid-19 ta' Lulju 1957, f'xi l-5.45 a.m., volontarjament kiser il-bwon ordni u l-kwiet tal-publiku bl-għajjat u l-ġlied, u, barra minn dawn, sawwat lil Nicola Zammit, ta' 77 sena, u għamillu ferita ta' natura ħafifa skond iċ-ċertifikat tat-Tabib A. Fenech, D.M.O.;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Settembru 1957, li biha sabet l-imputat ħati skond l-imputazzjoni msemmija, u kkundannatu għall-piena ta' 10s. ammenda għall-ewwel imputazzjoni, relativa għall-istorbju, u għall-piena ta' tliet ijiem priġunerija għat-tieni imputazzjoni, relativa għall-ferita ħafifa li huwa għamel fuq il-persuna ta' Nicola Zammit;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fis-sens li tiġi revokata in kwantu sabet l-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, billi jiġi liberat minnha, u riformata in kwantu għat-tieni imputazzjoni, fis-sens li tiġi mogħtija lill-imputat l-iskuża tal-passjoni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fuq l-ewwel imputazzjoni;

Din hi hekk konċepita:— "Kiser il-bwon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bl-għajjat u l-ġlied". L-Ewwel Qorti ċċitat, in riferenza għal din l-imputazzjoni, l-art. 352(bb) Kap. 12, li jikkontempla l-każ ta' min "volontarjament jikser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku";

Hu veru dak li ssottomettiet id-difiża, li r-reat taħt dan l-inċiż għandu jkun distint minn dak taħt l-inċiż (m), li fih jissemma l-ksur tal-mistrieħ "bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor". Apparti li dan l-inċiż (m) jippostula li l-fatt ikun sar bil-lejl (li ma kienx il-każ f'dan l-appell), is-sens tal-inċiż (bb) hu dak spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti, allura presjeduta minn Sir Adrian Dingli, in re "La Polizia vs. Paolo Bugeja", 10 ta' Ġunju 1890. Però, fil-każ preżenti dan l-inċiż (bb) hu applikabbli; għaliex kien hemm appuntu "an apprehension of a breach of the peace"; anzi dik il-"breach" avverat ruħha. Ċjò non ostanti, għalkemm mhux għar-raġuni ndikata mid-difiża, iżda għal raġuni oħra, dik l-imputazzjoni għandha tiġi eskluża, fis-sens li r-reat fiha kontemplat għandu jitqies konsolidat mar-reat imsemmi fit-tieni imputazzjoni (offiża fuq il-persuna); għaliex bejn iż-żewġ reati hemm, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, "ness naturali jew ġuridiku", għas-sens tat-teorija żvolta fis-sentenza "Rex vs. Degiorgio" tat-29 ta' Jannar 1937, mogħtija minn din il-Qorti komposta minn tliet Imħallfin (Pres. Sir Art. Mercieca, Imħallef Dr. Rob. F. Ganado, u l-Imħallef issa sedenti);

Fuq it-tieni imputazzjoni;

Ġie allegat li lill-imputat għandha tingħata d-diminwenti tal-passjoni, għaliex hu aġixxa taħt eċċitament min-

ħabba li Nicola Zammit, il-ferut, kif ġie allegat, kien jamoreġġja ma' mart l-imputat. Ix-xhieda iżolata tal-imputat ma hijiex biżżejjed bħala prova ta' din l-allegazzjoni; partikolarment meta wieħed iżid li fil-versjoni li l-imputat ta' "a tempo vergine" lill-Ispettur Saliba, hu ma semma xejn konkret, bħal ma għamel fix-xhieda tiegħu posterjuri, imma allega biss suspetti, u jżid ukoll li Zammit hu mhux biss ta' età avanzata, imma anki dekrepitu. Il-bażi tal-iskużanti, għalhekk, ma ġietx assodata bl-ebda mod;

Però, ma jidherx li jista' jiġi eskluż li l-imputat "soġġettivament" jinsab verament ossessjonat bl-idea li dan Zammit għandu xi kunfidenza ma' martu; tant li ebda motiv ieħor ma deher bl-ebda mod biex jispjega l-aggressjoni. Zammit stess qal li hu u l-imputat ma għandhom xejn x'jgħidu bejniethom; u lanqas l-imputat ma allega xi raġuni oħra ta' dissidju;

Tqum, għalhekk, il-kwistjoni jekk u sa fejn il-"kredenza soġġettiva" tista' tiswa għall-finijiet tal-provokazzjoni;

Il-kwistjoni hi dottrinalment diskussa. Il-Carrara — Progr. Parte Speciale, Vol. I, para. 1289, paġ. 490; u Parte Generale, Vol. I, nota para. 331, p. 303 — jidher li jirritjeni li, jekk il-kredenza tal-fatt ġeneratur ta' l-iskuża ma tkunx irraġjonevoli għal kollox, għandha titqies għall-finijiet tal-provokazzjoni. Hu jagħti dan l-eżempju:— "Se desto ad un rumore notturno io veggo introdursi nelle mie stanze furtivamente un estraneo, e credendolo un ladro od un assassino esplodo un 'arma contro di lui, non sarò io più scusabile se viene poscia a verificarsi che nè un assassino era colui, ma sibbene un infelice sonnambulo, oppure l'amante occulto della fantesca che aveva sbagliato di camera?" U jkompli jgħid:— "Altrimenti si farebbe l'uomo responsabile della ignoranza del proprio intelletto, e di un errore involontario";

Il-Crivellari, Vol. III, art. 51, para. 360, paġ. 608, jikkondividi l-opinjoni tal-Carrara, u jikkonċedi l-iskuża anki meta l-imputat "ebbe causa ragionevole di illudersi nella sua falsa credenza";

Anki l-Maino, comm. art. 51, para. 238, paġ. 144, jaqbel mal-Carrara; u jgħid:— "La scusa va cercata non nella obbiettiva realtà delle cose, ma nella ragionevole opinione dell' agente";

Hu veru illi l-awtur Niccolini (Quistioni, part. I, concl. XVI) jagħti l-eżempju ta' wieħed li qatel ieħor għaliex kien qiegħed jaħseb, erroneament, li dan l-ieħor kien saħħar ("stregone"), u kien qed jagħmillu l-"iettatura", u li minħabba f'hekk kienu qegħdin imutulu l-annimali, ir-raba' tiegħu kien sar żdingat, u hu stess kien qed jimrad. Niccolini sostna illi "la credulità erronea della iettatura non poteva ammettersi come costitutiva della scusa"; u l-Qorti ta' Napli aċċettat dak li sostna Niccolini. Iżda, mill-kummenti tal-awturi fuq dan l-eżempju jidher li dak iż-żmien f'Napli kien hemm ħafna nies li kienu jemmnu fl-għajn ħażina ("iettatura"), u Niccolini aktarx ried li jiġi estirpat dan il-preġudizzju, billi ma jiġix minflok erett bħala skużanti. Tant li hu stess kien virtwalment irrikonoxxa l-prinċipju tal-Carrara fil-"Conclusione XV, paġ. 130;

Din il-Qorti, però, taħseb li tkun ħaġa ferm perikoluża għall-individwi u għas-soċjetà kieku kellha tiġi ammessa l-iskużanti għal kull kredenza falza. Infatti, kredenza falza tista' tissodisfa l-bażi ontoloġika tal-iskuża (l-istat soġġettiv ta' turbament), imma ċertament ma tissodisfax il-bażi ġuridika (ċjoè li l-ferut stess bil-fatt tiegħu provokatur ta lok għall-inċident), u lanqas tissodisfa l-bażi politika (ċjoè l-iskossa minorata tas-sentiment ta' sikurezza fis-soċjetà għax il-provokatur ġieb il-fatt b'idejh). "Jista' ċertament ikun hemm każijiet eċċezzjonali fejn l-iskużanti tista' tkun talvolta ammessa f'każ ta' kredenza żbaljata; imma jeħtieġ li din il-kredenza tkun bażata fuq raġunijiet gravi, valutabbli

'caso per caso', u tali li bniedem ta' temperament normali u ekwilibrat kien ukoll jitqarraq bihom";

Fil-każ preżenti, xejn ma nġieb quddiem il-Qorti biex tħossha persważa li l-imputat kellu xi raġunijiet ("multo minus" raġunijiet gravi) biex jitħasseb fuq Nicola Zammit. Anzi kollox jippropendi biex juri li din kienet fantasija tiegħu;

L-iskużanti tal-passjoni, għalhekk, għandha tiġi eskluża;

Kwantu għall-piena, din il-Qorti taħseb li l-provvediment infraskritt hu aktar konfaċenti għaċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, u anki aktar benefiku fl-interess ta' Nicola Zammit, il-ferut;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tipprovdi fuq l-appell f'dan il-mod;

Teskludi l-ewwel imputazzjoni, in kwantu li r-reat fiha msemmi jikkostitwixxi reat wieħed ma' dak tat-tieni imputazzjoni, u għalhekk tneħħi l-piena tal-ammenda relativa; u f'dan is-sens tirriforma "pro tanto" s-sentenza appellata;

Tikkonferma s-sentenza appellata kwantu għat-tieni imputazzjoni, billi tiċħad l-iskużanti mitluba tal-provokazzjoni. Kwantu għall-piena tal-priġunerija, din hi mneħħija; u minflokha l-Qorti, wara li rat l-art. 395 Kap. 12, timponi lill-imputat l-obbligazzjoni tiegħu nnifsu li ma jimmolestax bl-ebda mod lil Nicola Zammit, taħt penali ta' £30; liema obbligazzjoni għandha ddum għaż-żmien massimu tal-liġi, ċjoè għal sena.